# Iż-Żgħażagħ fis-Soċjetà

**Damian Vella**
*Chairperson Kummissjoni Żgħażagħ*



Kull grupp ta' età f'soċjetà għandu r-rwol tiegħu u dawn il-gruppi huma kollha importanti. Ħafna jsostnu li biex tkun meqjus bħala persuna żagħżugħa irid ikollok età ta' bejn il-15-il sena u t-30 sena. Il-gruppi tal-etajiet l-oħra kollha, kemm jekk tfal, adolexxenti, dawk ta' mezza età u anke anzjani, jistennew ħafna miż-żgħażagħ. Iż-żgħażagħ jiddeterminaw il-futur ta' kwalunkwe soċjetà partikolari u għalhekk huma s-sinsla tas-soċjetà inġenerali. Dan jagħmel liż-żgħażagħ grupp ta' età importanti kemm fis-soċjetà tal-lum kif ukoll fis-soċjetà futura. Għalhekk, minħabba dawn l-aspettativi li s-soċjetà għandha miż-żgħażagħ, aħna ż-żgħażagħ min-naħa tagħna għandna rwol importanti x'naqdu.

Fl-opinjoni tiegħi, ir-rwol taż-żgħażagħ huwa sempliċiment li jġedded, jaġġorna u jżomm mal-pass taż-żminijiet. Iż-żgħażagħ għandhom rwol li jġeddu u jaġġornaw l-istatus attwali tas-soċjetà tagħna inkluż fit-tmexxija, permezz ta' innovazzjonijiet u l-introduzzjoni ta' ħiliet ġodda, fost affarijiet oħra.

Fl-Għaqda Mużikali Imperial, huma diversi u bosta r-rwoli li naqdu, u min-naħa tagħna, aħna dejjem nagħmlu l-almu kollu biex dan nagħmluh bl-aħjar mod possibbli. Aħna tim żgħir iżda b'qalb kbira. Illum il-ġurnata sirna familja waħda bl-għan ewlieni hu li nkomplu mmexxu l-Għaqda tagħna dejjem iktar 'il quddiem, u filwaqt li nżommu f'moħħna l-pariri ta' dawk li dejjem kienu hemm, nippruvaw inkomplu nattiraw iktar żgħażagħ bħalna ħalli l-Għaqda tant għażiża għalina tibqa' dejjem ħajja u miexja 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha, kif ukoll lil ħutna li qed jiċċelebraw l-istess festa.

Viva Marija Bambina u Viva l-Banda Imperial!

**ID-DROGA TEQIRDEK...**
**Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!**

**C. Vella & Sons Ltd.**

your one stop shop for cigarettes, cigars, tobacco, confectionery, wines and spirits in the heart of Mellieha

George Borg Olivier Street Mellieha ● Tel: 21520883 ● Mob: 99498855 ● cvellasons@gmail.com